

4 t'ijiem

# Amsterdam

## 30 ta'Ottubru – 02 ta'Novembru

**INŻURU: AMSTERDAM, DELFT, MADURODAM, THE HAGUE, MARKEN, VOLENDAM, ZAANSE SCHANS**

**Prezz kull persuna**
(Eskursjonijiet u taxxi mħallsa)

| | Prezz Normali | Prezz Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta żewġ persuni | € 665 | € 615 |
| Kamra ta' tlett persuni | € 665 | € 615 |
| Kamra ta' persuna waħda | € 755 | € 705 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | € 550 | € 500 |
| Half Board | | € 81 |

**Prezz jinkludi:**

- Titjira mall-Air Malta għal Amsterdam
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm
- (entraturi mhux inklużi)
- 3 Iljieli, Novotel Amsterdam 4 star
- Breakfast kuljum
- Taxxi tal- ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Fund Protection

### Is-Sibt 30 ta'Ottubru

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fis-05:50 sabiex nagħmlu ċ-check in għat titjira KM394 li titlaq fit-07:40 u tasal **Amsterdam** Schipol fil-10:50. Nibqgħu sejrin lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna **city tour** biex naraw postijiet ta' interess Royal Palace, National Monument, Dam Square, Rembrandt Square, Skinny Bridge, Anne Frank House, naraw il-famużi kanali li jdawwru lil din il-belt u l-port t'Amsterdam. Naraw il-mitħna li tinsab fuq x-xmara Amstel. Wara nibqgħu sejrin lejn il- Novotel 4 star Hotel għaċ -ċheck in. Wara ħarga mal leader sa ċ-ċentru

### Il- Ħadd 31 ta'Ottubru

Breakfast -Illum ngawdu jum sħiħ fin-naħa t'isfel tal-Olanda. Nibdew b'waqfa ġewwa **Delft,** li hija magħrufa għall-fuħħar tagħha. Nagħmlu anke żjara ġo fabbrika żgħira fejn jinħadem bl- idejn. Ftit ħin liberu u wara nkomplu bil-vjaġġ tagħna lejn **Madurodam** (dħul extra), park b'differenza fejn naraw għadd ta' postijiet fl' Olanda magħmulin fuq skala żgħira. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa **The Hague**-fejn inkunu nistgħu naraw il-Binnerhof li huwa l-post fejn jiltaqa l-Parlament Olandiż. Nirritornaw lura Amsterdam. Filgħaxija għal min irid niltaqgħu fil-bar tal-hotel għal bibita

**It-Tnejn 01 ta'Novembru** Breakfast - Breakfast,wara jkollna eskursjoni għal **Marken** u **Volendam**. Illum ser inkunu f'kampanja tipika Olandiża, fejn apparti li nżuru dawn iż-żewġ villaġġi tas-sajjieda, ikollna wkoll l-opportunita li nżuru l-villaġġ ta' **Zaanse Schans** li jinsab fuq ix-xmara Zaan, magħruf għall-windmills, kif ukoll razzett tipiku fejn il-ġobon għadu jiġi pproċessat b'mod tipiku u anke l-manifattura tal-famużi żraben Olandiżi, il-Clogs. Nirritornaw lura l-hotel. Filgħaxija ħarġa mal-leader saċ-ċentru tal-belt.

### It-Tlieta 02 ta'Novembru

Breakfast u wara Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Amsterdam għat-titjira KM395 li ttir fis-11:30 u naslu lura Malta fit-14:25.

